MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Numru 10/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***omissis***
**Anthony Joseph Portelli u Keith Caruana**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fis-26 ta' Lulju 2002 kontra l-imsemmijin Anthony Joseph Portelli u Keith Caruana (kif ukoll kontra Godwin Vella u David Calleja li pero` ma appellawx mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti) li permezz tieghu l-istess Avukat

Generali akkuza: (A) lil Anthony Joseph Portelli (1) li (flimkien ma' David Calleja) ikkaguna offiza volontarja ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Farrugia, b'dan li, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati wkoll ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi (l-ewwel kap), (2) li rrenda ruhu komplici (ma' Keith Caruana) fit-tentattiv ta' omicidju volontarju ta' Emanuel Farrugia, b'dan li, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati wkoll ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi (it-tielet kap), u (3) li (flimkien ma' Godwin Vella, David Calleja u Keith Caruana) ikkaguna offiza volontarja ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Alfred Cardona, b'dan li, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati wkoll ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi (ir-raba' kap); (B) lil Keith Caruana (1) li ghamel tentattiv ta' omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Emanuel Farrugia (it-tieni kap), (2) li (flimkien ma' Godwin Vella, David Calleja u Anthony Joseph Portelli) ikkaguna offiza volontarja ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Alfred Cardona (ir-raba' kap), u (3) li attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqtli tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti (il-hames kap);

Rat il-verdett tal-gurati tat-12 ta' Novembru 2004 li bih:

(A) fir-rigward ta' l-appellant Anthony Joseph Portelli -

(i) b'sitt voti favur u bi tliet voti kontra sabuh hati ta' l-akkuza taht l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza minghajr pero` c-cirkostanza aggravanti li bhala ufficjal pubbliku sar hati wkoll ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;
(ii) b'seba' voti favur u b'zewg voti kontra sabuh mhux hati tat-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza;
(iii) b'sitt voti favur u bi tliet voti kontra sabuh mhux hati ta' l-akkuza taht ir-raba' kap ta' l-Att ta' Akkuza izda hati li ha

parti fi glieda accidentali kontra Alfred Cardona li fiha l-istess Alfred Cardona sofra ferita ta' natura gravissima;

(B) fir-rigward ta' Keith Caruana -

(i) b'sitt voti favur u bi tliet voti kontra sabuh mhux hati ta' l-akkuza skond it-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuza izda hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew li jniggez;
(ii) unanimament sabuh mhux hati ta' l-akkuza taht ir-raba' kap ta' l-Att ta' Akkuza;
(iii) b'seba' voti favur u b'zewg voti kontra sabuh hati ta' l-akkuza taht il-hames kap ta' l-Att ta' Akkuza;

Rat is-sentenza moghtija fis-16 ta' Novembru 2004 mill-Qorti Kriminali li permezz taghha kkundannat lil Anthony Joseph Portelli ghal piena ta' tmien xhur prigunerija u ghall-hlas ta' terz mill-ispejjez totali tal-perizji f'dan il-process ammontanti ghal Lm75, u cioe` s-somma ta' Lm25, ikkundannat lil Keith Caruana ghal sena prigunerija u ghall-hlas ta' terz ta' l-ispejjez totali tal-perizji f'dan il-process ammontanti ghal Lm75, u cioe` s-somma ta' Lm25, u ordnat il-konfiska ta' l-esebiti favur il-Gvern ta' Malta, u dan wara li kkunsidrat hekk:

" *… omissis …*

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet <u>kollha</u> tad-difiza tal-hati **Anthony Joseph Portelli** li jinsabu kollha registrati u senjatament <u>imma mhux biss</u> is-segwenti w cioe` li f' dan il-kaz il-verdett kien l-inqas wiehed possibbli ta' sitta (6) bi tlieta (3) fiz-zewg reati li nstab hati taghhom; li Portelli ma kienx persuna kriminali, kellu biss xi kontravvenzjoni tat-traffiku fil-kondotta, kellu impieg ta' suldat u ommu kienet qed issofri minn marda terminali; li l-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet rimarki dwar il-mod kif tmexxa dan il-kaz; li hu sawwat kif ukoll issawwat waqt l-incident; li l-piena massima ghall-htija tal-offiza in rissa f'dan il-kaz kienet ta' mhux izjed minn sena prigunerija skond l-artikolu 237(b). Ghalhekk kien il-kaz li jigi kkundannat ghal multa jew sentenza sospiza;

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza tal-hati **Keith Caruana** li jinsabu kollha registrati u senjatament imma mhux biss is-segwenti w cioe` li f' dan il-kaz il-verdett kien l-inqas wiehed possibbli ta' sitta (6) bi tlieta (3) fil-kaz tal-offiza ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew iniggez u ta' seba' bi tnejn fil-kaz tal-attakk u rezistenza; li Caruana ukoll sofra diversi griehi konsiderevoli waqt l-incident u li kien hemm diskriminazzjoni bil-mod kif kien investigat u prosegwit dan il-kaz; li Caruana kien b'rizultat t'incident awtomobilistiku garrab 35% inkapacita mentali; li l-piena massima ghaz-zewg reati bil-konkors tal-pieni kienet dik ta' tmintax il-xahar prigunerija; li ghalhekk ma kienx sew li hu jintbaghat il-habs;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur u senjatament li fil-waqt li hu kien jaqbel mal-parametri tal-piena applikabbli fil-kaz ta' kull wiehed mit-tliet hatja, sostna li l-pieni ghandhom ukoll iservu ta' deterrent ghal min jonqos milli josserva l-bwon ordni. Dawn l-incidenti ta' vjolenza fit-toroq kienu haga serja w kienu qed jirrikorru ta' spiss u ghalhekk kellu jintbaghat messagg car lis-socjeta` li m'ghandhomx jigu tollerati;

Ikkonsidrat:

Illi bil-verdett rispettiv taghhom fil-konfront tal-hatja Portelli u Caruana, il-gurati accettaw il-fatt li b'dak li fih ippartecipa Portelli, Cardona kien garrab griehi gravissimi w li kien intuza strument li jaqta' w jniggez meta l-hati Caruana fera lil Farrugia, sija pure b'mod hafif. Illi Caruana lanqas ma seta' jitrazzan meta waslu l-Pulizija fuq il-post u kellha tintuza certa forza mill-membri tal-forza tal-ordni biex jikkontrollawh ghax hu beda jattakkahom jew jirrezistihom. Inoltre Portelli gie misjub hati tal-ferita hafifa fuq Farrugia, li skond ir-rizultanzi tidher li kienet l-ewwel att ta' vjolenza li beda l-incident kollu. Jinghad ukoll li r-reat ta' attakk u rezistenza tal-forzi tal-ordni – reat li donnu kull ma jmur qed isir aktar komuni – hu minnu nnifsu ukoll reat serju w l-Pulizija ghandha ukoll issib il-protezzjoni tal-Qrati meta tigi hekk attakkata jew rezistita fil-qadi ta' dmirijietha;

Illi s-sottomissjonijiet li saru dwar l-ghadd ta’ voti fil-verdett fil-kazijiet fejn il-gurati jkunu rriskontraw l-inqas htija possibbli minn xi erba jew hames alternattivi possibbli mhux necessarjament ireggu ghaliex hu ovvjament possibbli li l-gurati li jkunu fil-minoranza jkunu vvutaw hekk proprju ghax ma jkunux qablu li l-akkuzat kellu jinstab hati biss ta’ htija inqas gravi ghax huma jkunu perswazi li kellha tirrizulta htija aktar gravi minn dik li tkun qed taqbel fuqha l-maggoranza tal-gurati. F’dan il-kaz din il-possibilita` zgur li tezisti fil-kaz tal-htija ta’ David Calleja u Anthony Joseph Portelli skond ir-raba’ kap u tal-htija ta’ Keith Caruana skond it-tieni kap. Imbaghad il-htija ta’ Caruana skond il-hames kap ma hix bil-minimu tal-voti imma b’verdett ta’ seba' bi tnejn;

Illi dwar is-sottomissjoni tad-difiza ta’ xi diskriminazzjoni, apparti li din ma rrizultat bl-ebda mod lil din il-Qorti, il-hatja kellhom diversi rimedji ohra biex jindirizzaw din il-lanjanza kieku riedu izda jidher li sal-lum - aktar minn tliet snin u tmien xhur wara - baqghu ma hadu ebda passi fir-rigward. L-istess din il-Qorti mhux marbuta li tikkondividi l-kummenti li setghu saru mill-Qorti tal-Magistrati fil-bidu tal-kumpilazzjoni qabel ma kienet ghadha biss bdiet tisma’ l-provi;

*… omissis …*

Illi l-hati **Portelli,** apparti l-htija ta’ ferita hafifa, gie misjub ukoll hati tal-offiza in rissa fejn Alfred Cardona sofra feriti gravissimi. Fil-kondotta ghandu kundanna ghal sewqan perikoluz u li qabez ic-central stip u kundanna ohra ta’ danni volontarji, kliem oxxen u dagha u ksur tal-mistrieh tan-nies. Fiz-zewg kundanni hu gie liberat b’kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar u tliet xhur rispettivament;

Il-hati **Caruana** kien diga` habat difrejh mal-ligi fl-1995 meta kien instab fil-pussess tad-droga eroina w kokaina w tal-pjanta cannabis u LSD u meta nstab hati ta’ dan fl-1996 kien gie liberat b’kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Pero` f’inqas minn hames xhur wara dis-sentenza, hu rega' kiser il-ligi b’sewqan bla licenzja u bla

insurance u gie kkundannat multa ta’ Lm250. Kellu ukoll kundanna ohra li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija w xi infrazzjoni tal-ligi tal-VAT. Fil-mori ta’ dan il-process imbaghad rega’ gie misjub hati ta’ pussess tar-raza tal-cannabis u li sar recidiv u rega' gie liberat b’kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmien xhur, u dana ghal reat kommess wara l-incident awtomobilistiku li ssemma' mix-xhieda aktar 'il fuq u li kien gara f’Lulju, 1996. Fatt dan li juri li la l-opportunitajiet li kien inghata mill-Qrati u lanqas it-trawma tal-incident awtomobilistiku ma kienu razznu l-propensita` kriminali tieghu;

Illi kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi”** [30.7.2004]: -

*'… bhala regola, meta si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta’ prigunerija <u>b’ effett immedjat</u> . Il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta’ quddiem biex b’mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f’ xi forma ta’ vjolenza fizika.'*

Illi dan il-principju rega' gie ribadit recentement mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha : “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Domenic Bonnici**” [11.11.2004] fejn gie ritenut li:-

*'Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta’ deterrent generali; u l-qrati ta’ gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car …li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali , dejjem iggib maghha il-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat."'*

Rat ir-rikorsi ta' appell ta' l-imsemmijin Anthony Joseph Portelli u Keith Caruana pprezentati fit-3 ta' Dicembru 2004 li permezz taghhom talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena sabiex tigi imposta piena aktar gusta, u (b) tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Iz-zewg appelli jirrigwardaw il-piena u kif gie ritenut ripetutament, din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-appellant Anthony Joseph Portelli jqis il-piena nflitta fuqu bhala wahda harxa zzejjed ghas-segwenti ragunijiet: (1) L-aktar akkuza oneruza li taghha nstab hati hija dik ta' glieda accidentali fejn il-piena ma setghetx tkun ta' aktar minn sena prigunerija minghajr ma l-ligi tistabilixxi minimu. Din l-akkuza, li solitament tinghata quddiem il-Qorti tal-Magistrati, giet suggerita mill-Avukat Generali stess fir-replika u sussegwentement giet introdotta fis-*sample verdict* li tqassam lill-gurati. Dawn it-tipi ta' akkuzi normalment jigu trattati sommarjament u rarament (hlief f'xi cirkostanzi specjali) jigu nflitti pieni ta' prigunerija. Seta' facilment gie kkundannat ghall-hlas ta' multa, jew inghata *probation order* jew sentenza sospiza ta' prigunerija. (2) Il-fedina penali tieghu mhijiex xi wahda refrattarja li tiggustifika piena ta' prigunerija u ghalhekk seta' nghata opportunita` li jinzamm taht kontroll sabiex ma jaqbadx it-triq il-hazina permezz ta' metodu differenti ta' trattament. (3) Huwa desiderabbli li l-piena f'dan il-kaz tkun konformi ma' dik f'diversi kazijiet ohrajn bhal per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Sant**, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Bernardette Spiteri** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Elvin Abela** fejn il-pieni nflitti kienu dawk tas-sentenza sospiza. (4) Huwa ghandu impjieg fiss u ghadu jghix id-dar mal-genituri tieghu. Missieru huwa pensjonant u ommu hija *bed-ridden* u jiehdu hsiebha hu u missieru.

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Inoltre dan il-kaz gie investigat bl-aktar mod diskriminatorju mill-Pulizija u huwa qala', u mhux ta, xebgha kbira minghand Alfred Cardona.

M'hemm l-ebda dubju li l-piena ta' tmien xhur prigunerija hija entro l-parametri tal-ligi. Difatti l-piena ghal offiza ta' natura hafifa maghmula b'arma regulari hi dik ta' prigunerija ghal zmien minn xahrejn sa sena, filwaqt li l-piena talli ha parti fi glieda accidentali li fiha persuna sofriet offiza ta' natura gravissima hi dik ta' mhux izjed minn sena prigunerija. Jigifieri l-appellant Portelli seta' gie kkundannat sahansitra massimu ta' tmintax-il xahar prigunerija. Bhalma din il-Qorti diga` kellha okkazjoni tirrimarka[2], il-qrati ta' gustizzja kriminali jridu jibaghtu messagg car li l-vjolenza fizika ma tistax tigi tollerata u, bhala regola generali, ghandha dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat. Fil-kazijiet citati mill-appellant, il-fattispecie kienu differenti minn dak odjern[3]. Ir-ragunijiet l-ohra li ta l-appellant mhumiex ta' forza tali li din il-Qorti thoss li ghandha ghalfejn tbiddel il-piena moghtija mill-ewwel Qorti, piena li giet imposta minnha fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha rilevanti u inoltre li ma gietx inflitta fil-massimu taghha.

L-appellant Keith Caruana wkoll jilmenta li l-piena nflitta kienet wahda harxa wisq u jaghti s-segwenti ragunijiet: (1) L-akkuzi li dwarhom instab hati solitament jinghataw pieni ferm anqas oneruzi u dan quddiem il-Qorti tal-Magistrati. (2) Ma jistax jinghad li l-kondotta tieghu hi xi wahda refrattarja li jkollha ggorr maghha bil-fors piena ta' prigunerija li tqarreb il-massimu. L-akkuza ta' pussess ta' droga kien ammettiha u tirrigwarda zmien meta kellu xi

[2] Ara per ezempju Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**, 30 ta' Lulju 2004.

[3] F'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Sant** deciz mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Frar 1997, l-akkuzat instab hati ta' offiza gravi volontarja bi strument li jaqta' fuq il-persuna b'dan li d-delitt sar waqt li l-akkuzat kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu; f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Bernardette Spiteri** deciz mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Marzu 2002 (appell pendenti), l-akkuzata nstabet hatja ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna b'dan li kienet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna taghha, u b'dan ukoll li r-reat sar meta hija kienet ufficjal tal-Pulizija; f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Elvin Abela** deciz minn din il-Qorti fid-19 ta' Frar 2004, l-akkuzat instab hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju b'dan li gie applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 minhabba ragunijiet specjali u straordinarji li kien hemm f'dak il-kaz.

problemi. L-ewwel Qorti donnha ttrattatu bhala kriminal notorju minhabba dak li hemm fil-fedina penali tieghu. (3) Ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti dwar il-vot fil-verdett huwa skorrett peress li l-gurati li kienu fil-minoranza setghu kienu qed isibu htija ta' akkuzi anqas serji u mhux aktar serji kif qalet l-ewwel Qorti. L-uniku interpretazzjoni tal-vot tal-gurati hu li dak kien l-anqas vot possibbli. (4) Huwa kien involut f'incident stradali kwazi fatali b'mod illi llum ghandu dizabilita` ta' aktar minn 30%. Xi snin wara huh kien involut f'incident stradali u baqa' paralizzat f'*wheelchair* u jiehdu hsiebu hu u ommu. L-ewwel Qorti ma semmietx dawn ic-cirkostanzi fis-sentenza taghha. Isostni li piena ta' multa jew sentenza sospiza tkun aktar idoneja ghac-cirkostanzi.

Hawn ukoll jidher li l-piena ta' sena prigunerija li ghaliha gie kkundannat l-appellant Caruana tidher li hi entro l-parametri tal-ligi. Dwar ir-reat ta' offiza ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew li jniggez, il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien minn xahrejn sa sena. Il-piena ghar-reat ta' attakk jew rezistenza hi dik ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. Jigifieri hawn ukoll il-piena massima setghet tkun ta' tmintax-il xahar prigunerija. Kwantu l-fedina penali ta' l-appellant, l-ewwel Qorti kienet gustifikata tislet l-osservazzjoni li  ghamlet. Dan ma jrendiehx "kriminal notorju". Dwar l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti fuq l-interpretazzjoni tal-verdett, din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tikkummenta kif fil-fatt ghamlet peress li l-verdett wara kollox kien verdett legali, ghalkemm fil-minimu possibbli, u m'hemmx lok li jsiru kongetturi dwar x'setghet kienet il-fehma tal-gurati li kienu fil-minoranza. Ciononostante dan ma jikkostitwix raguni valida biex issir xi varjazzjoni fil-piena. Jekk waqt is-sottomissjonijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti issemmew xi cirkostanzi li l-ewwel Qorti mbaghad ma rriferietx ghalihom fis-sentenza taghha, kienet tkun gustifikata li taghmel hekk, kemm ghaliex mhijiex obbligata li ssemmi kull ma jintqal kif ukoll ghaliex jidher li semmiet dak kollu li dehrilha li kien rilevanti. Anke fil-kaz ta' l-appellant Caruana jidher li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ma gietx inflitta fil-massimu taghha u fic-cirkostanzi tal-kaz kienet gusta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appelli u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------